MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 706/2000/1

**Dr. Tanya Sammut ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Cramer-Halstrup & Schrunder Gmbh & Co.**
**vs**

**Bortex Clothing Ind. Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** fejn gie premess li s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' estera Cramer-Halstrup & Schrunder Gmbh & Co. fis-somma ta' hamest elef mija u tmienja u disghin punt decimali sebgha u

ghoxrin EURO (EURO 5,198.27) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata skond *invoice* datata s-7 ta' April, 1999 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A");

Premess illi nonostante nterpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur tal-Artikolu 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) billi l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha l-Avukatessa Tanya Sammut ikkonfermat bil-gurament taghha illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma dovuta.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12):

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' nomine s-somma ta' hamest elef mija u tmienja u disghin punt decimali sebgha u ghoxrin EURO (EURO 5.198,27) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' estera Cramer-Halstrup & Schrunder Gmbh & Co.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-bejgh tal-merkanzija sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici nomine a fol. 3 tal-process;

## **ECCEZZJONIJIET**

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta a fol. 17 fejn eccepiet :

1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' eccipjenti la ghandha u lanqas qatt kellha ebda relazzjoni guridika mal-mandanti ta' l-attrici noe, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, peress illi l-materjal in kwistjoni kien parti minn konsenja ordnata minghand, u supplita minn Nico Schurmann, kummercjant Germaniz, hemm lok tal-kjamata in kawza ta' l-istess, sabiex iwiegeb ukoll ghat-talbiet attrici.

3. Illi fit-tielet lok, u wkoll minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, fl-imsemmija konsenja gie supplit materjal illi mhux biss ma kienx tal-kwalita' pattwita, talli kien ipprezentat bhala materjal firmat originali, izda li rrizulta li kien imitazzjoni falza, b'dan illi s-socjeta' eccipjenti soffriet danni ingenti, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, b'referenza ghall-liema danni qed tirrizerva d-drittijiet taghha skond il-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-decizjoni taghha a fol. 37 li biha cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta biex jigi kjamat fil-kawza Nico Schurmann;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

**Harald Willekens** fl-affidavit tieghu qal li Philip Camilleri ghall Bortex kien ordna *hundred percent wool fabrics* minghand is-socjeta' attrici permezz ta' *fax* datat 27 ta' Jannar, 1999 - dok CH 1 fol. 28. Din kienet l-ewwel darba li l-konvenuti kienu ghamlu *business* mas-socjeta' attrici. Fid-9 ta' Frar, 1999 is-socjeta' attrici kkonfermat l-ordni

Dok CH 2 fol. 29 u ndikat il-kondizzjonijiet li kienu ser jirregolaw il-kuntratt. Il-merkanzija giet konsenjata fis-7 ta' April, 1999 - dok A fol. 6 . Il-konvenuti qatt ma lmentaw dwar din il-konsenja u kitbulhom diversi drabi biex ihallsu (Dok CH 3-5 fol. 34 *et seq*). Regghu kitbulhom fit-8 ta' Settembru, 1999 izda baqghu bla risposta. Fil-25 ta' Ottubru 1999 kiteb Peter Borg ghal Bortex lill Treuhandgemeinschaft u nfurmahom li s-socjeta' konvenuta kienet qed tirrifjuta li thallas billi Cerrutti kienu ghamlulhom kawza go Franza. Ix-xhud qal li s-socjeta' attrici qatt ma nnegozzjat ma Cerrutti u l-konsenja li baghtu lill konvenuti ma kellha x'taqsam xejn ma Cerrutti. Dwar Nico Shcurmann qal li huma ghandhom relazzjonijiet tajbin mieghu izda qatt ma ghamlu negozju mieghu. Hu qal "*The deliveries of the merchandise in question has nothing to do with any deliveries made by Nico Schurman or Schurmann Tuche GmbH*". Din l-kumpanija u l-kumpanija taghhom huma zewg kumpaniji separati (ara l-ittra Dok CH6 a fol. 35).

**Joseph Cachia** - Marketing Manager mas-socjeta' konvenuta, xehed li kienu ordnaw materjal originali Cerruti minghand Nico Schurmann u fl-istess ordni kienu xtraw ukoll xi materjal iehor. Huma pproducew ilbiesi bil-materjal ta' Cerrutti li baghtilhom Schurmann u baghtuh Franza. Kienet saret kawza kontra taghhom ghax qalu li l-materjal kien falsifikat. Huma kienu tilfu l-kawza. L-ordni taghhom kienu ghamluha lill Nico Schurmann kif jidher mid-dokument CH 1 u mkien ma jidher li huma kienu jafu lill atturi jew li Schurmann kien qed jagixxi ghan-nom ta' haddiehor. Huma qatt ma ghamlu ordni lill atturi. Anke meta giet lura l-*Confirmation Form*, Dok CH 2, din kienet iffirmata minn Schurmann. Fl-ittra Dok JC3 fol. 72 Schurmann jirreferi ghall "*our Cramer collection*" b'mod li huma fehemu li dan kien biss isem utilizzat minn Schurmann biex jiddeskrivi certi drappijiet li kien ibiegh hu. Fl-ebda mument ma qalilhom li kien qed jidher ghall Cramer. Hu kien qed jipprezentalhom il *Cramer Collection*.

Fuq kontroezami wiegeb li fis-sentenza li esebixxa mkien ma tissemma l-kumpanija attrici. Il-kawza kienet dwar parti mill-ordni li kienu ghamlu lill Schurmann.

**KONTESTAZZJONI**

Il-konvenuti qed jeccepixxu l-karenza assoluta ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta' estera, rapprezentata mill-attrici, u s-socjeta' konvenuta, u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma tistax titqies bhala l-legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri. Dana ghaliex il-merkanzija in kwistjoni kienet tifforma parti minn ordni akbar maghmula direttament lill Nico Schurmann jew il-kumpanija tieghu Schurmann Tuche GmbH permezz ta' *fax* datat 19 ta' Marzu, 1999 Dok JC3. Schurmann qatt ma nforma lis-socjeta' konvenuta li hu kien agent jew mandatarju ta' xi socjeta' ohra, jew tas-socjeta' attrici. Is-socjeta' konvenuta qed issostni li Schurmann kien x'aktarx irrefera l-ordni lis-socjeta' estera u dina ssuppliet l-merkanzija in kwistjoni lis-socejta' konvenuta. Huwa biss ix-xerrej li kkontratta l-istess bejgh, cioe' Schurmann, li hu responsabili ghal-hlas, u mhux id-destinatarju ta' l-oggett mibjugh.

L-attrici qed issostni li l-konsenja nkwistjoni ma kienitx tifforma parti mill konsenja li giet supplita minn Nico Schurmann izda kienu diversi. Illi jekk is-socjeta' konvenuta kellha xi dubbju dwar ma minn kienet qeghda tikkontratta hija kellha kull mezz biex tivverifika dan u fuq il-*Confirmation Order* hemm indikat car l-isem ta' l-istess kumpanija attrici.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-konvenuti kienu ghamlu l-ordni in kwistjoni skond id-dok PB 1 a fol. 12 (ara fol. 28 ukoll) lill Nico Schurmann/Company Schurmann, fis-27 ta' Jannar, 1999 u l-*Confirmation Order* waslet minghand id-ditta attrici Cramer Halstrup (fol. 30). Il-merkanzija giet konsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta izda dawn ma hallsux.

Il-konvenuti qed jargumentaw li huma m'ghandhom ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi billi l-ordni saret lill Schurmann jew il-kumpanija tieghu. Il-konvenuti qatt ma kienu nnegozjaw mas-socejta' estera. Ghalhekk, jekk Schurmann ghadda dina l-ordni lill atturi, huwa Schurmann, li hu responsabbli ghal-hlas, u mhux id-destinatarju ta' l-oggett mibjugh, cioe' is-socejta' konvenuta.

Monika Vorschel li kienet kitbet ghall Treuhandgemeinscha (organizzazzjoni ghal *credit protection* fl-Industrija Tessili Germaniza - ara fol. 35) kienet spjegat lil Peter Borg, Managing Director tas-socjeta' konvenuta, li s-socjeta' attrici u s-socjeta' ta' Schurmann kienu zewg kumpaniji differenti u li l-ordni kienet saret lill kumpanija attrici u dana ghaliex "*as it was the first business with Cramer-Halstrup + Schrunder with you the order was signed gez Nico Schurmann. But Nico Schrumann himself <u>did not</u> sign the order. The only reason for statement of his name was the fact that you knew Nico Schurmann. But Nico Schurmann has nothing to do with Cramer-Halstrup. He is only a friend. We suppose that you mixed up the deliveries from Schurmann Tuche with the one from Cramer-Halstrup*".

Peter Borg kien irrispondiha dina l-ittra li baghtulu l-Treuhandgemeinschaft fejn qalilhom li: *We did order the goods from Schurmann Tuche GmbH, they were shown to us by Nico Schurmann and we bought them from him. After we had received the Cramer invoices he informed us that he had another company by the name of Cramer. Cramer-Halstrup never received a claim from us because, until your fax of the 2nd November, we believed that Cramer-Halstrup and Schurman Tuche were one and the same thing*" (fol. 80).

Illi jirrizulta li l-konvenuti kienu ghamlu aktar minn ordni wahda lill Nico Schurmann, izda hu zgur li wahda minn dawn l-ordinijiet giet konfermata u mibghuta mill-atturi lill konvenuti. Dina l-ordni ma kelliex x'taqsam ma' l-ordni tal materjal ta' Cerruti li fuqha kienet saret il-kawza go Franza u li saret riferenza ghaliha fil-process. Il-*confirmation order*

li l-konvenuti ircevew minghand l-atturi kienet ordni li l-konvenuti kienu ghamlu lill Nico Schurmann u li jidher li dan kien ghaddiha lill atturi biex ifornixxu lill konvenuti bil-materjal.

Imma huwa evidenti mill-ordni a fol. 12 li l-konvenuti ma kienux innegozjaw ma’ l-atturi, imma direttament imma ma Nico Schurmann. Dana qatt ma qalilhom li hu kien xi agent jew kien mandatarju ta’ l-atturi imma l-indikazzjonijiet kienu li hu qed jagixxu f’ismu jew f’isem il-kumpanija tieghu. Qatt ma tahom *ad intendere* li hu kien agent ta’ l-atturi. Il-fatt li hu semma l-*Cramer Collection* ma jfissirx li hu kien agent ta’ l-atturi. Anzi Peter Borg fl-ittra tieghu fol. 80 kien qal li: “*After we had received the Cramer invoices he (Schurmann) informed us that he had another company by the name of Cramer*”. Kien ghalhekk ukoll li huma qatt ma ghamlu *complaint* ma l-atturi.

Dan apparti, l-Qorti taqbel ma’ l-insenjament fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet “Carmelo sive Charles Azzopardi et noe - vs - George Cauchi” li jittratta eccezzjoni simili ghal dik taht ezami.

“Li hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f’isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f’isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f’isem haddiehor tinkonmbi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f’dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta’ provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Trolong mandato no. 50 citata bil-kollezzjoni Vol. XLII, P.II, p.203).

Ir-regola hi li wiehed jikkontratta ghalih innifsu u hekk ghandu dritt li jahseb u jirretjeni l-kontrajent l-iehor (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell E.Borg et noe vs R.Schembri tat-28 ta' Mejju, 1973).

Inoltre, il-ligi tezigi illi kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita *in buona fede* (Art. 993 Kap

16). F’dan il-kaz ma hemm xejn li jeskludi l-*buona fede* tal-konvenuti (ara Degiorgio vs Muscat App. 25.6.99).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;
u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju
spejjez ghall attrici.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**